MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Numru. 932/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jesmond Buttigieg ta’ 44 sena bin Philip u Maria Victoria xebba Busietta mwieled 23 ta’ Settembru 1969 u residenti gewwa fond nru 25, East, Triq de Prio, Sliema u detentur tal-Karta ta’ l-identita` bin-numru 396269M.

Talli;

Nhar it-23 ta’ Frar 2013 ghall- habta tas-seba nieqes ghax ta’ filghaxija, gewwa triq Mikiel Anton Vassali gewwa l-iMsida; b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Imane Zrira u dan waqt li kien qed issuq u/jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura tal-ghamla King Long bin-numru tar-registrazzjoni BUS-146.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghat ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti tal-process;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tax-xoghol tieghu tal-ghamla King Long, bin-numru BUS-146, fid-data, lok u hin indikati, meta fl-istess waqt kienet qed taqsam it-triq certa Imane Zrira. L-imputat deher li nhasad, u laqat lil Zrira bil-vettura misjuqa minnu, b'konsegwenza ta' hekk spiccat issofri minn griehi gravi.

Mid-dinamika tal-incident jidher car li kien hemm negligenza kontributorja konsiderevoli mill-parti leza. L-imputat ma jahti xejn ghal dan l-incident. Fl-istess triq minn fejn qasmet Zrira, hemm tabella tindika li persuni ma jistghux jaqsmu minn dik il-parti tat-triq. Madankollu, hi qasmet minn din il-parti tat-triq, u stqarret fix-xiehda taghha li ma harsetx sew meta qasmet, ghax peress illi kienet ta' nazzjonalita' franciza, hi harset fid-direzzjoni tax-xellug taghha, jigifieri fid-direzzjoni opposta ghal minn fejn kien gej it-traffiku. Ta' min jirrileva li t-triq in kwistjoni hi wahda dritta, u l-imputat kellu vizwali tajba taghha. Jidher li Zrira tant qasmet ghal gharrieda li l-imputat l-anqas kellu hin jaghmel manuvra biex jevita l-impatt. B'hekk, l-emergenza subitanja giet mahluqa minn Zrira stess, u fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma jahti xejn ghal dan l-incident. Inoltre, fil-hin li qasmet it-triq, kien gia' dlam, u ma rrisultax jekk dik il-parti tat-triq kienetx imdawwla sew.

Ghalhekk il-Qorti m'hix qed issib htija fl-imputat u ser tghaddi biex tilliberah.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti ma tistax issib lill-istess imputat Jesmond Buttigieg hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------